MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 47/2012/1

**Rea Ceramics Limited (C 23288)**

**v.**

**Kunsill Malti ghall-Isport u l-Avukat Generali ghan-nom tar-Repubblika ta' Malta ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mis-socjeta` attrici Rea Ceramics Limited [l-appellanti] minn sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fid-9 ta’ Jannar 2014 li permezz taghha dik il-Qorti ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha ai termini tal-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni ta’ Malta stante li fil-fehma taghha kien hemm mezzi xierqa ta’ rimedji ghall-ksur allegat li kienu disponibbli ghas-socjeta` Ceramics, bl-ispejjez ikunu a kariku tal-istess socjeta`.

**Is-Sentenza Appellata**

2. Peress li din tikkontjeni b’mod konciz il-fatti, it-talbiet tal-attrici, u r-risposti taz-zewg intimati, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet li fuqhom l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, din il-Qorti ser tirriproduci dik is-sentenza fl-intier taghha:

“Il-Qorti,

“1.0. Rat ir-rikors kostituzzjonali tas-socjeta` rikorrenti datat it-12 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

“1.1. Illi tramite citazzjoin datata t-23 t’Awissu, 2005, fl-ismijiet *Kunsill Malti ghall-Isport vs Rea Ceramics Co. Ltd* Numru 776/05, intalbet dikjarazzjoni li x-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` rikorrenti odjerna ma kienx tal-kwalita` patwita u allura, l-istess Kunsill ma kellux ihallas ghall-istess bis-socjeta` rikorrenti odjerna mitluba wkoll li taghmel tajjeb ghad-danni, spejjez u imghaxijiet relattivi;

“1.2. Illi s-socjeta` rikorrenti odjerna, hemm konvenuta, kienet giet notifikata bic-citazzjoni *de quo* fit-30 t’Awwissu, 2005, meta l-istess kawza ma kienitx appuntata ghas-smigh;

"1.3. Illi l-istess socjeta` hemm konvenuta baqghet kontumaci;

"1.4. Illi fis-17 t'Ottubru, 2005, l-istess socjeta` hekk kontumaci indikata fil-paragrafu precedenti intavolat rikors biex tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha u wkoll biex timpunja l-validita` tan-notifika tac-citazzjoni promotrici;

"1.5. Illi l-kawza kienet appuntata ghas-17 ta' Frar, 2006;

"1.6. Illi s-socjeta` hemm konvenuta ma kienitx notifikata bl-appuntament u l-kawza allura giet differita ghall-21 ta' Marzu, 2006;

"1.7. Illi fl-udjenza sussegwenti l-istess qorti, waqt li rriferiet ghar-rikors tas-socjeta` kontumaci, awtorizzat lill-istess socjeta` tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha, u ddifferiet il-kawza ghall-4 ta' April, 2006, ghal provediment dwar tali talba;

"1.8. Illi l-Kunsill *de quo* ma offra l-ebda opposizzjoni li s-socjeta` *de quo* tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha;

"1.9. Illi fl-4 t' April, 2006, inghatat sentenza preliminari li permezz taghha giet michuda t-talba tas-socjeta` *de quo* li tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha;

"1.10. Illi b'effett ta' tali sentenza, l-istess socjeta` giet imqeghda fi stat ta' kontumacja permanenti;

"1.11. Illi sussegwentement, fuq il-provi migbura, giet moghtija sentenza fl-4 ta' Lulju, 2006, li permezz taghha;

"1.11.1. Laqghet it-talbiet tal-Kunsill attur;

"1.11.2. Ikkundannat lis-socjeta` *de quo* biex thallas lill-Kunsill *de quo* l-ammont ta' erbat elef tmien mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin, u sebgha u tmenin centezmu (Lm4,829.87), f'danni;

"1.11.3. Ikkundannat ukoll lill-istess socjeta` biex thallas l-imghaxijiet legali dovuti mill-4 ta' Marzu, 2005;

"1.11.4. Ikkundannat finalment lill-istess socjeta` biex thallas l-ispejjez tal-procedura;

"1.12. Illi s-socjeta` rikorrenti thossha aggravata bl-imsemmija sentenza u tissottometti li gew lilha lezi id-drittijiet taghha naxxenti mill-;

"1.12.1. L-artikli 39(2) u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"1.12.2. L-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

“1.13. Illi l-Avukat Generali gie traxxinat fil-procedura odjerna biss ghal kull interess li jista’ jkollu;

“1.14. Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex:

“1.14.1. Tiddikjara li bis-sentenzi tal-Prim’ Awla datati l-4 ta’ April u l-4 ta’ Lulju, 2006, fuq riferita gie lez id-dritt ghal smigh xieraq tas-socjeta` rikorrenti, anke b’mod diskriminatorju, bi ksur tal-artikli 39(2) u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikli 6(1) u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

“1.14.2. Tannulla, tirrexxindi u thassar is-sentenzi fuq riferiti u tordna li s-socjeta` rikorrenti tinghata l-fakolta` tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha u tordna li jitkompla s-smigh ordinarju tal-istess kawza;

“1.14.3. Taghti kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

“2.0. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata l-20 ta’ Gunju 2012, li permezz taghha sintetikament wiegeb is-segwenti:

“2.1. Illi r-rikors promotur hu frivolu u vessatorju intiz biss biex permezz ta’ procedura straordinarja, (dik kostituzzjonali), jirrimedja ghan-nuqqasijiet tas-socjeta` rikorrenti meta naqset li tuza rimedji disponibbli ghaliha *a tempo vergine*;

“2.2. Illi jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti kapriccozament ghazlet ma tutilizzax ir-rimedji “ordinarji” ghad-disposizzjoni taghha stante li ma intavolat l-ebda appell mis-sentenzi meritu tal-procedura odjerna;

“2.3. Illi qed tallega dan il-ksur “*serju*” abbundantement sitt (6) snin wara li sehhew il-fatti in dizamina;

“2.4. Illi aktar minn hekk, jirrizulta wkoll li kien hemm proceduri ohra fl-istess ismijiet ta’ din il-procedura (Citazzjoni Numru 473/2008RCP), liema proceduri gew kancellati fis-6 ta’ Mejju, 2010;

“2.5. Illi l-allegazzjoni li l-istitut tal-kontumacja tiffavorixxi lill-awtoritajiet governattivi hi infondata u insostenibbli;

“2.6. Illi *di piu`,* ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti;

“2.7. Illi ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez;

“3.0. Rat ir-risposta tal-Kunsill Malti ghall-iSport datata d-9 ta’ Lulju, 2012, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti;

“3.1. Illi l-qorti odjerna ghandha tiddeklina milli tisma’ l-procedura odjerna stante li s-socjeta` rikorrenti naqset milli tutilizza r-rimedji ordinarji li kienu ghad-disposizzjoni taghha;

“3.2. Illi l-mertu hu preskritt *ai termini* tal-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u hu issa *res judicata*;

“3.3. Illi l-procedura hi frivola u vessatorja billi qed jigi tentat li jigu resuxxitati proceduri inoltrati fl-2005 u l-2010 li gia` ghaddew ingudikat;

“3.4. Illi m’hemm l-ebda ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoin jew tal-artikolu 6(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3.5. Illi l-istitut tal-kontumacja ma jiksirx id-dritt ta’ smigh xieraq kif allegat;

“3.6. Illi fil-procedura 776/05TM l-istess socjeta` hawn rikorrenti, ghalkemm kellha l-fakulta` li tipprezenta sottomissjonijiet finali, naqset li taghmel dan;

3.7. Illi l-istess socjeta` naqset li tipprezenta appell mis-sentenza datat l-4 ta’ Lulju, 2006;

3.8. Illi l-kawza sussegtwenti inoltrata mis-socjeta` hawn rikorrenti 473/08RCP giet eventwalment kancellata, u nonostante li kienet riappuntata, giet sussegwentement abbandunata;

3.9. Illi ghalhekk il-procedura odjerna hi wahda kappriccuza;

“4. Semghet ix-xhieda prodotta;

“5. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

“6. Rat il-verbal datat it-30 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet gew, fuq talba taghhom stess, awtorizzati jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata;

“7. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-2 t’Awwissu, 2013;

“8. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kunsill intimat datata t-18 ta’ Settembru, 2013;

“9. Rat ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata l-25 ta’ Settembru, 2013;

“10. Rat il-verbal tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-10 ta’ Ottubru 2013, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom sottomessi;

“Ikkunsidrat;

“11. Illi din il-kawza hi wahda ta’ natura kostituzzjonali fejn qed jigi allegat il-ksur ta’ smigh xieraq *a tenur* tal-artikli esplicitament indikati mis-socjeta` rikorrenti fit-talbiet taghha inkluzi fir-rikors promotur;

“12.0. Illi *in sintesi* l-istess socjeta` rikorrenti qed tallega s-segwenti:

“12.1. Illi fil-procedura precedentement inoltrata mill-Kunsill *de quo* kontra taghha fuq gia` indikata, hi ma inghatatx il-fakolta` li tirrispondi ghat-talbiet indirizzati lejha u konsegwentement tilfet il-kawza bl-ispejjez;

“12.2. Illi ghalkemm f’dik il-procedura tallega li nghatat il-fakolta` li tiggustifika il-kontumacja taghha, effettivament kienet prekluza milli taghmel dan billi kienet minflok rinfaccata b’decizjoni parzjali li permezz taghha kienet dikjarata kontumaci;

“12.3. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti ssostni li giet pregudikata stante li ma nghatatx smigh xieraq;

“Ikkunsidrat:

“13.0. Illi z-zewg intimati odjerni jikkontestaw l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u dan sintetikament billi:

“13.1. Jirrilevaw li s-socjeta` rikorrenti ma utilizzatx ir-rimedji ordinarji li kienu ghad-disposizzjoni taghha fl-ewwel procedura li tat bidu ghas-saga gudizzjarja odjerna;

“13.2. Jirrilevaw li anke meta l-istess socjeta` rikorrenti ittentat procedura ohra fil-konfront tal-Kunsill intimat biex tipprova tinnewtralizza l-effetti tal-ewwel sentenza, din abbandunat il-procedura u l-kawza kienet eventwalment abbandunata;

“13.3. Illi jigi rilevat li din il-procedura giet inoltrata abbanduntament sitt (6) snin wara li kienet qamet il-vertenza originali;

“13.4. Illi jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti fl-ebda wahda mill-proceduri precedenti ma adottat ir-rimedji ordinarji lilha hemm koncessi;

“Ikkunsidrat;

“14. Illi din il-procedura hi ghalhekk limitata fl-epurazzjoni taghha mill-fatt hekk assodat li nonostante li s-socjeta` rikorrenti kellha diversi rimedji ghad-disposizzjoin taghha, naqset li tadottahom u minflok, wara aktar minn sitt (6) snin, ghazlet li tadotta l-procedura odjerna;

“15. Illi *di piu`*, l-allegazzjoni li l-istitut tal-kontumacja in dizamina jiffavorixxi xi parti minn ohra hu ghal kollox inkonsekwenzjali stante li hu biss istitut partikolari – ghodda – li min-natura tieghu hu ghalhekk newtrali u jiddependi biss mill-uzu li jsir minnu, u dan minn kwalunkwe parti li tista’ tkun involuta;

“Ikkunsidrat;

“16. Illi din il-qorti hi sodisfatta ghalhekk li l-procedura odjerna hi biss intiza biex tistultifika l-effett ta’ sentenzi precedenti fir-rigward li gia` ghaddew in gudikat;

“17. Illi s-socjeta` rikorrenti issa sabet ruhha f’din is-sitwazzjoni unikament rizultat tal-inadegwatezza taghha li tutilizza r-rimedji ordinarji li kienu ghad-disposizzjoni taghha;

“**DECIDE:**

“18.0. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess, rat l-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u konsegwentement:

“18.1. Takkolji r-risposti tal-intimati fuq riferiti;

“18.2. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

“18.3. Tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha stante li hi sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedji u ghall-ksur allegat kienu disponibbli ghall-istess socjeta` rikorrenti;

“18.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra s-socjeta` rikorrenti Rea Ceramics Limited.”

## <u>L-Appell</u>

3. L-appellanti qed issejjes l-appell taghha fuq is-segwenti aggravji: [1] li ma taqbilx li hija ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha, [2] li l-ligi procedurali dwar il-kontumacja tivvjola d-dritt ta’ smigh xieraq u [3] li bil-mod kif l-istitut tal-kontumacja gie applikat mill-Qrati Maltin “kien hemm fil-passat decizjonijiet diskriminjatorji favur entitajiet governattivi”.

4. Fir-rikors tal-appell taghha s-socjeta` Ceramics qed titlob li din il-Qorti thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti billi tilqa’ t-talbiet taghha u tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimati [l-appellati].

5. Min-naha taghhom, l-appellati ghar-ragunijet indikati minnhom fir-risposta taghhom qed jitolbu li l-appell jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

*L-ewwel aggravju*

6. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq tlett punti.

7. <u>L-ewwel punt</u> hu fis-sens li, fejn konvenut ikun hati ta' kontumacja, u l-kaz ikompli jinstema' mill-Qorti, huwa jigi privat mid-dritt ta' smigh xieraq stante li skont l-Artikolu 158[1] tal-Kap. 12 huwa ma jistax iressaq xhieda, u kull ma jista' jaghmel huwa li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

8. L-appellanti tkompli tfisser hekk dan l-aggravju:

> "… f'kaz fejn il-ligi procedurali giet applikata korrettement, hija l-ligi procedurali nnifisha li skont il-parti m'hijiex tippermetti lill-Qorti taghti smigh xieraq [f'dan il-kaz l-istitut innifsu tal-kontumacja kif regolat mill-kodici taghna], allura r-rimedju ta' dik il-parti huwa li titlob dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' smigh xieraq [permezz ta' proceduri kostituzzjonali]…
>
> "Fil-kawza odjerna qeghda taccetta li l-agir tar-rikorrenti wassal ghall-kontumacja taghha, u qed tissottometti illi, ladarba l-ligi Maltija xorta tipprovdi li f'kazijiet ta' kontumacja jridu jinstemghu u jigu ppruvati t-talbiet attrici, is-smigh xorta jrid ikun xieraq; kjarament, ghalhekk, il-fatt li l-esponenti setghet iddahhal risposta fiz-zmien opportun m'huwiex rimedju ghas-sitwazzjoni mpunjata permezz ta' dawn il-proceduri."

9. <u>It-tieni punt</u> huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma indikatx liema kienu r-rimedji illi kienet tirreferi ghalihom fid-decizjoni taghha.

10. <u>It-tielet punt</u> gie imfisser hekk:

> "jekk ir-rimedju ordinarju li kienet qed tirreferi ghalih l-ewwel Qorti huwa dak ta' appell normali, tali rimedju wkoll ma kienx idoneju minhabba l-fatt li r-rikorrenti taccetta li l-ligi tal-kontumacja giet applikata korrettament. Ladarba hija principalment il-ligi u mhux l-applikazzjoni taghha li qed tigi impunjata f'dawn il-proceduri l-appell ordinarju ma kien iwassal imkien."

*It-tieni aggravju*

11. F'dan l-aggravju l-appellanti tghid li l-ilmenti taghha migjuba quddiem l-ewwel Qorti ma gewx indirizzati. Dawn huma:-

> "[i] l-argument illi f'kazijiet ta' kontumacja il-ligi procedurali Maltija tipprovdi li kawza trid tinghata smigh xieraq xorta wahda, izda minn naha l-ohra tipprovdi li tali smigh ikun limitat ghal parti wahda biss, u [ii] l-argument illi bil-mod kif l-istitut tal-kontumacja gie applikat mill-qrati taghna kien hemm fil-passat decizjonijiet diskriminatorji favur entitajiet governattivi."

12. F'dan l-aggravju l-appellanti, wara li ghamel paragun ma' sistemi legali ohra jghid li l-konvenut li jkun kontumaci jigi mcahhad minn kull possibbilita` li jikkontrolla l-provi tal-attur permezz ta' kontro ezamijiet u permezz ta' provi, hlief permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet finali, b'mod li fil-maggor parti tal-kazijiet ir-rebha tal-attur tkun inevitabbli.

13. Fit-tieni parti ta' dan l-aggravju l-appellanti tallega agir diskriminatorju da parti tal-qrati favur entitajiet governattivi, u fir-rikors promotur ssemmi kazijiet in sostenn ta' dan l-ilment.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

14. L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti huwa fis-sens li, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, hija ma kellhiex rimedju ordinarju adegwat ghall-ilment taghha. In kwantu ghar-rimedju tal-appell li ghalih ghamlet

referenza dik il-Qorti, l-appellanti tghid li dan ir-rimedju huwa ineffikaci fil-kaz odjern, stante li "ir-rikorrenti taccetta li l-ligi tal-kontumacja giet applikata korrettament" u ladarba hija principalment il-ligi u mhux l-applikazzjoni taghha, li qed tigi impunjata f'dawn il-proceduri "l-appell ordinarju ma kien iwassal imkien."

15. L-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni li fuqu strahet l-ewwel Qorti fil-parti relevanti tieghu jghid hekk:

> "Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra."

16. Dwar il-portata ta' dan il-capovers jista' jinghad li llum huwa assodat fil-gurisprudenza li biex l-ewwel Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha jehtieg li l-ligi ordinarja taghti rimedju prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u shih ghal-lanjanza tar-rikorrent. M'huwiex necessarju success garantit, basta li r-rikorrent ikollu l-opportunita` fil-ligi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' din il-ligi[1].

17. Din il-Qorti tikkonsidra opportun li tirriferi ghal certu principji rigwardanti l-istitut tal-kontumacja[2], kemm dwar ir-*ratio legis* tieghu, kif ukoll dwar il-mod kif in-nuqqas tal-konvenut jista' jigi sanat jekk jipprova ghas-sodisfazzjon tal-

---

[1] Ara, fost ohrajn, *Q.Kos.* ***Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs***, deciz 16 Jannar 2006, u *Q.Kos.* ***John Grech v. Onor.Prim Ministru***, deciz 31 Jannar 2014.

[2] Art. 158[10] tal-Kap. 12.

Qorti li n-nuqqas tieghu li jipprezenta l-eccezzjonijiet fit-terminu preskritt mil-ligi kien fic-cirkostanzi gustifikat.

18. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba da parti tal-attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha ghall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Maz-zmien il-qrati Maltin iddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghall-htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata. Di fatti l-gurisprudenza interpretattiva stabbliet certu fatturi li jirrendu l-kontumacja mhux gustifikabbli. Dawn huma fil-kaz li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuza; jew priva minn kawza gusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imharrek li kien pogga lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu; jew ma kienx kaz ta' zball invincibbli[3].

19. Ukoll bl-Att XXIV/1995 iz-zmien preskritt mil-ligi ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut gie estiz ghal 20 jum, u fil-kaz ta' kontumacja nghatat anke l-possibilita` ta' prezentata ta' nota ta'

[3] App. S. 128/2003 **Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**, deciz 29 Jannar 2005.

osservazzjonijiet, biex hekk kif jghid l-Artikolu 158[10] tal-Kap. 12 il-konvenut kontumaci jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur,[4] u dan fuq il-principju li l-kontumacja mhijiex ammissjoni jew semplici *walk-over* izda hija kontestazzjoni u allura xorta wahda l-attur jibqalu l-oneru li jressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talba tieghu.[5] Min-naha tieghu l-kontumaci ghandu l-fakolta` li jiddefendi ruhu billi jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, u wkoll billi jappella, kemm dwar is-sentenza[6] li l-ewwel Qorti tkun iddecidiet li l-kontumacja ma kienitx gustifikata, kif ukoll mis-sentenza finali fuq il-mertu. Ghandu wkoll il-fakolta` li jipprova jiggustifika l-kontumacja fl-istadju tal-appell[7], u, fil-kaz ta' ezitu negattiv fir-rigward, ghandu l-fakolta` li fl-appell jittratta dwar il-meritu.

20. Fil-kaz odjern il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li, minkejja s-sentenza moghtija fl-4 ta' April 2006 li biha l-ewwel Qorti fil-kaz numru 776/05 iddecidiet li kontumacja tas-socjeta`, allura konvenuta, ma kinietx gustifikata, hija xorta wahda ma interponietx appell minn dik id-decizjoni, kif kellha l-fakolta` li taghmel skont l-Artikolu 231[1] tal-Kap. 12, kif lanqas ma interponiet appell mis-sentenza finali, skont l-istess artikolu, izda minflok, baqghet passiva u wara sitt [6] snin mid-data tas-sentenza finali ressqet il-proceduri kostituzzjonali odjerni.

---

[4] Ara fost ohrajn, App. Inf. **Fenici Insurance Agency Limited v. Stoner Paul**, deciz 22 Novembru 2002.
[5] Ara fost ohrajn, App.S 2131/1998 **Maltacom plc v. Attard Briffa**, deciz 13 Marzu 2001.
[6] App.S 184/1998 **Carmelo Galea v. Olga Agius**, deciz 3 Dicembru 2004.
[7] App.Inf. 5/2003 **Jesmond Sacco v. Chalres Concetta**, deciz 7 Mejju 2004; u App.S 281/1976 **Anthony Grech v. Joseph Farrugia**, deciz 17 Frar 2004.

21. L-appellanti tipprova tiggustifika dan in-nuqqas taghha billi tghid li ladarba l-kontumacja taghha ma kinietx gustifikata, u ghalhekk l-ewwel Qorti fil-kawza precitata kienet applikat korrettament il-procedura tal-kontumacja, allura dan ir-rimedju ma kien ser iwassalha ghal imkien. Din il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa fallaci u huwa inadegwat sabiex isostni validament t-tezi tal-appellanti: huwa fallaci ghax huwa bbazat fuq l-ipotetiku u cioe` fuq dak li l-appellanti hasbet li kienet ser tkun id-decizjoni tal-Qorti dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja; u huwa inadegwat ghax, qabel ma ressqet il-proceduri kostituzzjonali odjerni, hija kellha l-opportunita` li tipprova twaqqa' d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kontumacja, izda l-appellanti ma uzatx dan ir-rimedju li kien legalment disponibbli ghaliha u li kellha d-dmir li tuza qabel ma tressaq il-proceduri odjerni.

22. L-appellanti mhux talli ma uzatx ir-rimedju disponibbli ghaliha, izda talli baqghet passiva ghal sitt [6] snin sakemm fl-ahhar iddecidiet li tissolleva ilment dwar ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq u ghall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

23. Inoltre, mill-provi jirrizulta li fid-19 ta’ April 2008 is-socjeta` appellanti kienet intavolat proceduri [numru 473/2008] fl-ismijiet **Rea Ceramics Co.Ltd v. Kunsill Malti ghall-Isport** quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, izda dawn

il-proceduri gew ikkancellati fis-6 ta' Mejju 2010 peress li s-socjeta` appellanti, allura attrici, naqset milli tirregola ruhha.

24. Fil-kaz odjern jidher car li l-appellanti skartat ir-rimedji ordinarji li kellha, u minflok, ressqet il-proceduri odjerni li huma ta' natura straordinarja, u ghalhekk l-ewwel Qorti agixxiet fil-parametri tal-ligi meta ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha f'dan il-kaz.

25. Fil-kawza odjerna l-appellanti issostni li d-decizjoni dwar il-kontumacja kienet korretta, u ghalhekk l-ilment taghha huwa dirett, mhux lejn l-applikazzjoni tal-ligi fil-kaz de quo, izda lejn il-dispozizzjoni tal-ligi li permezz taghha hija ma setghetx fic-cirkostanzi tressaq ix-xhieda taghha fil-kawza.

26. Din il-Qorti, diversament komposta, kienet diga` esprimiet ruhha fir-rigward:

> "...l-istitut tal-kontumacja m'huwiex fih innifsu inkompatibbli mal-imsemmi principju tal-gustizzja naturali u mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ghaliex id-dritt tal-konvenut li jidher ghall-process gudizzjarju u jiddefendi ruhu kontra t-talibiet li jsriu kontrieh ma jistax jitqies f'termini assoluti ghaliex tali dritt jista' jigi rinunzjat. Ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja tirrikjedi li jinstab bilanc ragjonevoli bejn dan id-dritt ta' smigh xieraq li kull konvenut huwa ntitolat ghalih min-naha wahda, u bejn id-dritt tal-attur u l-interess tal-gusitizzja in generali min-naha l-ohra, sabiex il-process gudizzjarju mibdi jkun jista' jiehu l-kors normali tieghu. Jekk dan il-bilanc ma jinstabx, il-process gudizzjarju jista' jsir unikament dipendenti fuq il-volonta` tal-konvenut, u b'hekk l-istess process jista' jisfa indebitament intralcjat minn dak il-konvenut li jkun malintenzjonat.[8]
>
> ........................................omissis.......................................

[8] *Q. Kos.* ***Joseph Emanuel Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier***, deciz 3 Frar 2009, para.20.

> "Huwa manifest li biex il-principju fundamentali tal-gustizzja procedurali *audi alteram partem* ma jigix applikat fil-prattika fil-process gudizzjarju jkun irid jirrizulta lill-Qorti li hemm ragunijiet cari u univoci li juru effettivament il-konvenut ghax irid, jew bi tgraskuragni jrid jiddizobedixxi l-ordni tal-Qorti biex jidher ghas-smigh tal-kawza u jirrispondi ghall-gudizzju, u b'hekk ikun effettivament wera li rrinunzja ghad-dritt fundamentali tieghu li l-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid bid-difiza tieghu nnifsu"[9].

27. Fil-kaz odjern jidher bic-car li n-nuqqas da parti tal-appellanti li tressaq in-nota tal-eccezzjonijiet fiz-zmien preskritt mil-ligi, jekk ma kienx wiehed volontarju zgur li kien kolpuz, tenut kont ukoll tal-fatt li hi stess accettat li d-decizjoni dwar il-kontumacja kienet korretta, il-fatt li l-appellanti la appellat minn dik id-decizjoni u lanqas mis-sentenza finali hu prova cara u manifesta ta' rinunzja da parti tal-istess socjeta` tad-dritt taghha li tressaq n-nota tal-eccezzjonijiet.

28. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Avukat Generali intimat li "tenut kont li d-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha, huwa inawdit li s-socjeta` rikorrenti qed tressaq dawn l-allegazzjonijiet wara li repetutament u kapriccozament skartat id-drittijiet kollha li kellha ghad-dispsozizzjoni taghha a tenur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta."

29. Rigward l-ilment tal-appellanti li l-ewwel Qorti ma indirizzatx is-sottomissjonijiet indikati minnha fit-tieni aggravju, din il-Qorti tosserva li ladarba dik il-Qorti korrettement waslet ghall-konkluzjoni motivata li fic-

[9] Ibid. para 23.

cirkostanzi tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha, hija ma kellhiex l-obbligu legali li titratta l-punti l-ohra sollevati mill-appellanti.

30. Rigward l-aggravju dwar id-diskriminazzjoni allegata mill-appellanti, din il-Qorti tosserva li dak li ressqet dwar dan l-ilment huma biss referenzi ta' hames kawzi li nghataw fuq medda ta' sittax-il sena, u cioe` wahda moghtija fis-sena 1973, tnejn moghtijin fis-sena 1990 u ohra fis-sena 1992. Ghalhekk, apparti mill-fatt li huwa assodat fil-kamp gudizzjarju li kull kaz ghandu jigi meqjus fuq il-fattispecie tieghu, huwa manifest li ma tressqux provi sodisfacenti in sostenn ta' din l-allegazzjoni.

31. Inoltre, ir-rikorrent ma invoka ebda *status* personali li fuq il-bazi tieghu jippretendi li saret diskriminazzjoni kontra tieghu u ghal din ir-raguni wkoll ma tirrizultax lezjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni (ara Art. 45(3)) jew tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni (ara Qorti Kost. **Edward Espedito Mugliett v. Avukat Generali**, 28 ta' Settembru 2012, #50, footnote 16; Qorti Kost. **Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali et**, 24 ta' Gunju 2011 u ohrajn).

32. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis bhala nfondati l-aggravji kollha.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet fuq premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tas-socjeta` appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------